

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1157/2009

tas-27 ta' Novembru 2009

li jidderoga mir-Regolamenti (KE) Nru 2402/96, (KE) Nru 2058/96, (KE) Nru 2305/2003, (KE) Nru 955/2005, (KE) Nru 969/2006, (KE) Nru 1918/2006, (KE) Nru 1964/2006, (KE) Nru 1002/2007, (KE) Nru 27/2008, (KE) Nru 1067/2008 u (KE) Nru 828/2009 f'dak li jirrigwarda d-dati għat-tressiq tat-talbiet u l-ħruġ ta' ċertifikati tal-importazzjoni fl-2010 skont il-kwoti tariffarji li jikkonċernaw il-patata ħelwa, il-karboidrat tal-manjoka, il-manjoka, iċ-ċereali, ir-ross, iz-zokkor u ż-żejt taż-żebbuġa, u li jidderoga mir-Regolamenti (KE) Nru 382/2008, (KE) Nru 1518/2003, (KE) Nru 596/2004 u (KE) Nru 633/2004 f'dak li jirrigwarda d-dati għat-tressiq taċ-ċertifikati tal-esportazzjoni fl-2010 fl-oqsma tal-laħam taċ-ċanga, tal-laħam tal-majjal, tal-bajd u tal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/317/KE tat-13 ta' Mejju 1996 dwar il-konklużjoni tar-riżultati tal-konsultazzjonijiet mat-Tajlandja skont l-Artikolu XXIII tal-GATT ⁽¹⁾ [traduzzjoni mhux uffiċjali],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996, dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet dikjarati fl-iskeda CXL imfassla bħala riżultat tal-konklużjoni tan-negozjati tal-FGKT (GATT) XXIV:6 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽³⁾, u partikolarment l-Artikoli 144(1), 148, 156 u 161(3), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehim li jstabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97 u (KE) Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u (KE) Nru 964/2007 ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(7) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2402/96 tas-17 ta' Diċembru 1996 li jiftaħ u jstabbilixxi regoli

amministrattivi għal ċerti kwoti annwali ta' tariffi għal patata ħelwa u karboidrat tal-manjoka ⁽⁶⁾ jipprovdi d-dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni tal-patata ħelwa skont il-kwoti 09.4013 u 09.4014, minn naħa, u tal-karboidrat tal-manjoka skont il-kwoti 09.4064 u 09.4065, min-naħa l-oħra.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 27/2008 tal-15 ta' Jannar 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi annwali għall-prodotti regolati b'kodiċi NM 0714 10 91, 0714 10 99, u 0714 90 11 u 0714 90 19 li joriġinaw f'ċerti pajjiżi terzi minbarra t-Tajlandja ⁽⁷⁾ jipprovdi d-dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni, għall-prodotti kkonċernati, skont il-kwoti 09.4009, 09.4010, 09.4011, 09.4012 u 09.4021.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1067/2008 tat-30 ta' Ottubru 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji Komunitarji għal qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri oriġinanti minn pajjiżi terzi u li tidderoga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ⁽⁸⁾, Nru 2305/2003 (KE) tal-Kummissjoni tad-29 ta' Diċembru 2003 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffali għall-importazzjoni ta' xgħir minn pajjiżi terzi ⁽⁹⁾, u Nru 969/2006 (KE) tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja Komunitarja għall-importazzjoni tal-qamħirrum minn pajjiżi terzi ⁽¹⁰⁾, jipprovdu d-dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni għall-qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri skont il-kwoti 09.4123, 09.4124 u 09.4125, għax-xgħir skont il-kwota 09.4126 u għall-qamħirrum skont il-kwota 09.4131.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2058/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 li jiftaħ u jipprovdi għat-tmexxija ta' kwota ta' tariffa għal ross miksur (*broken rice*) ta' kodiċi NM 1006 40 00 għal produzzjoni ta' tħejijiet tal-ikel ta' kodiċi NM 1901 10 ⁽¹¹⁾, tal-Kummissjoni (KE) Nru 1964/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota

⁽¹⁾ ĠU L 122, 22.5.1996, p. 15.

⁽²⁾ ĠU L 146, 20.6.1996, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 327, 18.12.1996, p. 14.

⁽⁷⁾ ĠU L 13, 16.1.2008, p. 3.

⁽⁸⁾ ĠU L 290, 31.10.2008, p. 3.

⁽⁹⁾ ĠU L 342, 30.12.2003, p. 7.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 176, 30.6.2006, p. 44.

⁽¹¹⁾ ĠU L 276, 29.10.1996, p. 7.

- għall-importazzjoni ta' ross li joriġina mill-Bangladexx, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3491/90⁽¹⁾, tal-Kummissjoni (KE) Nru 1002/2007 tad-29 ta' Awwissu 2007 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2184/96 li jikkonċerna l-importazzjonijiet fil-Komunità tar-ross li joriġina u ġej mill-Eġittu⁽²⁾ u tal-Kummissjoni (KE) Nru 955/2005 tat-23 ta' Ġunju 2005 li jiftaħ kwota ta' importazzjoni tal-Komunità għal ross li joriġina mill-Eġittu⁽³⁾ jipprovdu d-dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni għal ross miksur skont il-kwota 09.4079, tar-ross li joriġina mill-Bangladexx skont il-kwota 09.4517, tar-ross li joriġina u ġej mill-Eġittu skont il-kwota 09.4094 u tar-ross li joriġina mill-Eġittu skont il-kwota 09.4097.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 828/2009 tal-10 ta' Settembru 2009⁽⁴⁾ jipprovdi, għas-snin tas-suq 2009/2010 sa 2014/2015, il-modalitajiet tal-applikazzjoni għall-importazzjoni u l-irfinar tal-prodotti tas-settur taz-zokkor rilevanti għall-pożizzjoni tariffarja 1701 fil-qafas tal-ftehimiet preferenzjali, previsti mid-dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq tal-talbiet u l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni skont il-kwoti 09.4221, 09.4231, 09.4241 sa 09.4247.
- (6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwota tariffarja għaż-żejt taż-żebru li joriġina mit-Tuneżija⁽⁵⁾ jipprovdi għal dispożizzjonijiet partikolari għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebru skont il-kwota 09.4032.
- (7) Minħabba l-btajjel għas-sena 2010, għandha ssir deroga, f'ċertu żmien, mir-Regolamenti (KE) Nru 2402/96, (KE) Nru 2058/96, (KE) Nru 2305/2003, (KE) Nru 955/2005, (KE) Nru 969/2006, (KE) Nru 1918/2006, (KE) Nru 1964/2006, (KE) Nru 1002/2007, (KE) Nru 1067/2008, (KE) Nru 828/2009 dwar id-dati għat-tressiq tal-applikazzjonijiet u l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni, sabiex tkun assigurata l-konformità mal-volumi tal-kwoti konċernati.
- (8) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 382/2008 tal-21 ta' April 2008 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni għal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella⁽⁶⁾, l-Artikolu 3(3), tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1518/2003 tat-28 ta' Awwissu 2003 li jniżżel ir-regoli dettaljati biex jimplementa s-sistema tal-liċenzji ta' esportazzjoni fis-settur tal-laħam tal-majjal⁽⁷⁾, l-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 596/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jniżżel regoli dettaljati għall-implementazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' esportazzjoni fis-settur tal-bajd⁽⁸⁾ u l-Artikolu 3(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 633/2004 tat-
- 30 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implementazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur⁽⁹⁾, jipprovdu li l-liċenzji tal-esportazzjoni jinħarġu nhar l-Erbgħa li jiġi wara l-ġimgħa li fiha jkun tressqu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji, bil-kundizzjoni li l-ebda miżura partikolari ma tkun ittiegħet mill-Kummissjoni sa dakinhar.
- (9) Minħabba l-btajjel għas-sena 2010, u l-effetti fuq il-pubblikazzjoni ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, il-perjodu minn meta jitressqu l-applikazzjonijiet u l-jum meta jinħarġu l-liċenzji jkun qasir wisq biex jiżgura ġestjoni tajba tas-suq. Għalhekk jeħtieġ li dan il-perjodu jiġi estiż.
- (10) Il-miżuri pprovduti b'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agricoli,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Patata ħelwa

1. B'deroga mill-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2402/96, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni tal-patata ħelwa skont il-kwoti 09.4013 u 09.4014 ma jistgħux jitressqu, għas-sena 2010, qabel it-Tlieta 5 ta' Jannar 2010 jew wara t-Tlieta 14 ta' Diċembru 2010.
2. B'deroga mill-Artikolu 8(1), tar-Regolament (KE) Nru 2402/96, il-liċenzji tal-importazzjoni tal-patata ħelwa li għalihom tressqu applikazzjonijiet fid-data indikata fl-Anness I għal dan ir-Regolament, skont il-kwoti 09.4013 u 09.4014, għandhom jinħarġu fid-data indikata fl-Anness I imsemmi, soġġett għall-miżuri adottati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006⁽¹⁰⁾.

Artikolu 2

Il-karboidrat tal-manjoka

1. B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2402/96, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni tal-karboidrat tal-manjoka skont il-kwoti 09.4064 u 09.4065 ma jistgħux jitressqu, għas-sena 2010, qabel it-Tlieta 5 ta' Jannar 2010 jew wara t-Tlieta 14 ta' Diċembru 2010.
2. B'deroga mill-Artikolu 13(1), tar-Regolament (KE) Nru 2402/96, il-liċenzji tal-importazzjoni tal-karboidrat tal-manjoka li għalihom tressqu applikazzjonijiet fid-data indikata fl-Anness II għal dan ir-Regolament, skont il-kwoti 09.4064 u 09.4065, għandhom jinħarġu fid-data indikata f'dan l-Anness II, soġġett għall-miżuri adottati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006.

(1) ĠU L 408, 30.12.2006, p. 19.

(2) ĠU L 226, 30.8.2007, p. 15.

(3) ĠU L 164, 24.6.2005, p. 5.

(4) ĠU L 240, 11.9.2009, p. 14.

(5) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 84.

(6) ĠU L 115, 29.4.2008, p. 10.

(7) ĠU L 217, 29.8.2003, p. 35.

(8) ĠU L 94, 31.3.2004, p. 33.

(9) ĠU L 100, 6.4.2004, p. 8.

(10) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

Artikolu 3**Manjoka**

1. B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 27/2008, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni tal-manjoka skont il-kwoti 09.4009, 09.4010, 09.4011, 09.4012 u 09.4021 ma jistgħux jitressqu, għas-sena 2010, qabel it-Tnejn 4 ta' Jannar 2010 jew wara l-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2010, fis-13:00, ħin ta' Brussell.

2. B'deroga mill-Artikolu 8(4), tar-Regolament (KE) Nru 27/2008, il-liċenzji tal-importazzjoni tal-manjoka li għalihom tressqu applikazzjonijiet fid-data indikata fl-Anness III, skont il-kwoti 09.4009, 09.4010, 09.4011, 09.4012 u 09.4021, għandhom jinħarġu fid-dati indikati f'dan l-Anness III, soġġett għall-miżuri adottati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006.

Artikolu 4**Ċereali**

1. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1067/2008, għas-sena 2010, l-ewwel perjodu għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni ta' qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri skont il-kwoti 09.4123, 09.4124 u 09.4125 ma għandux jibda qabel l-1 ta' Jannar 2010, fis-13:00 ħin ta' Brussell. Applikazzjonijiet bħal dawn ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara nhar il-Ġimgħa s-17 ta' Diċembru 2010, fis-13:00, ħin ta' Brussell.

2. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 2305/2003, għas-sena 2010, l-ewwel perjodu għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni ta' xgħir skont il-kwota 09.4126, ma għandux jibda qabel l-1 ta' Jannar 2010 fis-13:00 ħin ta' Brussell. Applikazzjonijiet bħal dawn ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara nhar il-Ġimgħa t-17 ta' Diċembru 2010, fis-13:00, ħin ta' Brussell.

3. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 969/2006, għas-sena 2010, l-ewwel perjodu għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni ta' xgħir skont il-kwota 09.4131, ma għandux jibda qabel l-1 ta' Jannar 2010 fis-13:00 ħin ta' Brussell. Applikazzjonijiet bħal dawn ma jistgħux jibqgħu jitressqu wara nhar il-Ġimgħa s-17 ta' Diċembru 2010, fis-13:00, ħin ta' Brussell.

Artikolu 5**Ross**

1. B'deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 2058/96, għas-sena 2010, l-ewwel perjodu għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni ta' xgħir skont il-kwota 09.4079 ma għandux jibda qabel l-1 ta' Jannar 2010 fis-13:00, ħin ta' Brussell. Dawn l-applikazzjonijiet ma jistgħux jitressqu wara l-Ġimgħa 10 ta' Diċembru 2010, fis-13:00, ħin ta' Brussell.

2. B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1964/2006, għas-sena 2010, l-ewwel perjodu għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni ta' xgħir li joriġina mill-Bangladexx skont il-kwota 09.4517, ma għandux jibda qabel l-1 ta' Jannar 2010 fis-

13:00, ħin ta' Brussell. Dawn l-applikazzjonijiet ma jistgħux jitressqu wara l-Ġimgħa 10 ta' Diċembru 2010, fis-13:00, ħin ta' Brussell.

3. B'deroga mill-Artikolu 2(3), tar-Regolament (KE) Nru 1002/2007, għas-sena 2010, l-ewwel perjodu għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni ta' ross li joriġina u li ġej mill-Eġittu, skont il-kwota 09.4094, ma għandux jibda qabel l-1 ta' Jannar 2010 fis-13:00, ħin ta' Brussell. Dawn l-applikazzjonijiet ma jistgħux jitressqu wara l-Ġimgħa 10 ta' Diċembru 2010, fis-13:00, ħin ta' Brussell.

4. B'deroga mill-Artikolu 4(1), tar-Regolament (KE) Nru 955/2005, għas-sena 2010, l-ewwel perjodu għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni ta' ross li joriġina mill-Eġittu, skont il-kwota 09.4097, ma għandux jibda qabel l-1 ta' Jannar 2010 fis-13:00, ħin ta' Brussell. Dawn l-applikazzjonijiet ma jistgħux jitressqu wara l-Ġimgħa 10 ta' Diċembru 2010, fis-13:00, ħin ta' Brussell.

Artikolu 6**Zokkor**

B'deroga mill-Artikolu 4(1), tar-Regolament (KE) Nru 828/2009, ma jistgħux jitressqu applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni ta' prodotti mis-settur taz-zokkor skont il-kwoti 09.4221 u 09.4231, 09.4241 sa 09.4247 wara l-Ġimgħa 17 ta' Diċembru 2010 fis-13:00, ħin ta' Brussell, u sal-Ġimgħa 31 ta' Diċembru 2010 fis-13:00, ħin ta' Brussell.

Artikolu 7**Żejt taż-żebbuġa**

B'deroga mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, il-liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa li għalihom ikunu tressqu l-applikazzjonijiet it-Tnejn 29 jew it-Tlieta 30 ta' Marzu 2010, fil-kuntest tal-kwota 09.4032, għandhom jinħarġu l-Ġimgħa fid-9 ta' April 2010 b'riżerva għall-miżuri adottati skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006.

Artikolu 8**Liċenzji tal-esportazzjoni b'rifużjonijiet għas-setturi taċ-ċanga u l-vitella u l-majjal, tal-bajd u tal-laħam tat-tjur**

B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 382/2008, mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1518/2003, mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 596/2004 u mill-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 633/2004, il-liċenzji tal-esportazzjoni li għalihom tressqu applikazzjonijiet matul il-perjodi msemmija fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament għandhom jinħarġu fid-dati korrispondenti li jissemmew f'dan ir-Regolament.

Id-deroga pprovduta fl-ewwel subparagrafu tapplika biss meta l-ebda miżura partikolari pprovduta fl-Artikolu 12(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 382/2008, fl-Artikolu 3(4) u (4a) tar-Regolament (KE) Nru 1518/2003, fl-Artikolu 3(4) u (4a) tar-Regolament (KE) Nru 596/2004 u fl-Artikolu 3(4) u (4a) tar-Regolament (KE) Nru 633/2004, ma tkun ittieħdet qabel dawk id-dati ta' ħruġ.

*Artikolu 9***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2009.

Mill-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNEX I

Ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni tal-patata ħelwa skont il-kwota 09.4013 u 09.4014 għal ċerti perjodi tas-sena 2010

Dati tat-tressiq tal-applikazzjonijiet	Dati tal-ħruġ tal-liċenzji
It-Tlieta 30 ta' Marzu 2010	Il-Ġimgħa 9 ta' April 2010

ANNEX II

Ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni tal-karboidrat tal-manjoka skont il-kwota 09.4064 u 09.4065 għal ċerti perjodi tas-sena 2010

Dati tat-tressiq tal-applikazzjonijiet	Dati tal-ħruġ tal-liċenzji
It-Tlieta 30 ta' Marzu 2010	Il-Ġimgħa 9 ta' April 2010

ANNEX III

Ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni tal-manjoka skont il-kwoti 09.4009, 09.4010, 09.4011, 09.4012 u 09.4021 għal ċerti perjodi tas-sena 2010

Dati tat-tressiq tal-applikazzjonijiet	Dati tal-ħruġ tal-liċenzji
It-Tnejn 29, it-Tlieta 30, u l-Erbgħa 31 ta' Marzu 2010	Il-Ġimgħa 9 ta' April 2010

ANNEX IV

Il-perjodi tat-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni fis-settur taċ-ċanga u l-vitella, tal-laħam tal-majjal, tal-bajd u tal-laħam tat-tjur	Dati tal-ħruġ
Mid-29 ta' Marzu sat-2 ta' April 2010	It-8 ta' April 2010
Mis-17 sal-21 ta' Mejju 2010	Is-27 ta' Mejju 2010
Mill-25 sad-29 ta' Ottubru 2010	Il-5 ta' Novembru 2010